MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**AUDREY DEMICOLI**

Seduta tat-23 ta' April, 2010

Numru. 633/2007

Il-Pulizija
(Spettur Daniel Zammit)
(Spettur Stephen Gatt)

vs

Neil Andrew Vella

Il-Qorti,

Rat li l-imputat Neil Andrew Vella ta' 31 sena, iben Andrew Vincent u Pamela Ann nee' Cocks, imwieled Londra, Ingilterra nhar is-07 ta' Settembru 1976 u residenti gewwa 18, Triq il-Parrocca, Luqa u detentur tal-karta tal-identita' numru 175103L gie mressaq quddiemha akkuzat talli :

Fl-24 ta' Lulju 2007, ghal habta tat-tlieta ta' wara nofsinhar, f'Tas-Sliema, ikkommetta serq minn fuq il-bajja

fi Triq it-Torri, liema serq huwa kkwalifikat bil-valur li jaqbez l-mitt Lira Maltin (LM100) izda mhux l-elf Lira Maltin (LM1000) u li sar ghad-detriment ta' Diana Schuler.

Fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi ikkommetta serq minn fuq il-bajja fi Triq it-Torri, Sliema, liema serq jaqbez l-ghaxar Liri Maltin (LM10) izda mhux il-mitt Lira Maltin (LM100) u li sar ghad-detriment ta' Emilie Langer.

Sar ricediv b'sentenzi moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jinbidlu, kif ukoll bi ksur tal-Probation a tenur ta' l-Artikolu 22 tal-Kap.446 tal-Ligijiet ta' Malta fejn kien gie misjub hati b'sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) u lliberat bil-kundizzjonijiet kontemplati fl-istess Artikoli.

Rat l-atti kollha ta' dan il-procediment u d-dokumenti esebiti, inkluz il-kunsens tal-Avukat Generali datat 26 ta' Lulju  2007 (esebit a fol. 13 tal-process) sabiex dawn il-proceduri jigu trattati bi procedura sommarja u decizi minn din il-Qorti.

Rat li l-imputat waqt l-ezami li sarlu fis-seduta tas-26 ta' Lulju 2007 iddikjara li ma kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja u deciz minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha surreferita.

Semghat il-provi ;

Semghat it-trattazzjoni finali maghmula mill-Prosekuzzjoni u mid-Difiza.

Ikkunsidrat:

Illi l-fatti ta' dan il-kaz huma fil-qosor dawn li gejjin. Fl-24 ta' Lulju 2007 turista bl-isem ta' Lina Wagner (li xehdet fl-udjenza tat-8 ta' Awwissu 2007) kienet fuq il-beach fi Triq it-Torri, Tas-Sliema, precizament hdejn is-Surfside, meta rat ragel li identifikatu bhala l-imputat jaqbad iz-zewg basktijiet ta' zewg tfajliet Germanizi li kienu nizlu jghumu u jehodhom. Meta hija staqsietu il-ghala kien qed jiehu l-

basktijiet huwa rrispondiha billi kellimha hazin u telaq jigri, hija griet warajh u bdiet tghajjat lil nies ohra sabiex izommuh u ghalhekk kien hemm xi nies ohra li wkoll bdew jigru warajh u waqt li huwa kien tiela t-tarag sabiex jitlaq minn fuq il-bajja, waddab il-baskett mal-art. Hija baqghet fuq il-bajja u mbaghad rat lill-imputat qed jinzamm minn xi Pulizija lli nzertaw ghaddejjin minn fuq il-post. Mill-provi rrizulta li PC 363 u PC 437, li t-tnejn xehdu waqt l-udjenza tat-30 ta' Novembru 2009 fejn ikkonfermaw li huma kienu patrol fuq il-beach meta raw ragel jigri u semghu xi nies jghajtu li dan ir-ragel kien seraq xi basktijiet minn fuq il-beach u huma ghalhekk grew warajh, qabduh u arrestawh. Huma identifikaw il-persuna li kienu hekk qabdu u arrestaw bhala l-imputat. Mill-provi rrizulta wkoll li z-zewg tfajliet Germanizi li kienu Diane Schuler u Emile Langer hadu l-basktijiet lura u t-tnejn ikkonfermaw mal-Pulizija li ma kienu sabu xejn nieqes. Diane Schuler li xehdet f'dawn il-proceduri waqt l-udjenza tas-26 ta' Lulju 2007 ikkonfermat li fil-baskett kellha wallet b'Lm20, kellha wkoll digital camera li kienet tiswa bejn 150 u 200 Ewro, MP3 player li kien jiswa madwar 30 Ewro, u mobile phone li kien jiswa bejn 60 u 70 Ewro.

L-imputat irrilaxxja stqarrija (esebita a fol. 5 sa 7 tal-process) fejn ammetta li kien ha il-basktijiet taz-zewg tfajliet u li kien tefaghhom mal-art meta grew warajh in-nies.

Ikkunsidrat:

Illi f'dawn il-proceduri l-imputat jinsab akkuzat b'serq aggravat bil-valur li ma jeccedix l-Lm1,000 li sar ghad-detriment ta' Diane Schuler, b'serq semplici li ma jeccedix il-Lm100 li sar ghad-detriment ta' Emile Langer kif ukoll li sar recidiv u li kiser ordnijiet imposti fuqu mill-Qorti tal-Magistrati fejn kien inghata liberta' kundizzjonata.

Illi l-Qorti jidrilha li kemm l-ewwel kif ukoll it-tieni akkuza jirrizultaw pruvati lil hinn minn kull dubju dettat mir-raguni mhux biss ghaliex l-imputat stess ikkonferma fl-istqarrija minnu rilaxxjata li kien ha il-basktijiet izda anki ghaliex Lina Wagner identifikatu bhala l-persuna li kienet rat jiehu

l-basktijiet u jitlaq jigri bihom. Id-Difiza sostniet li t-tieni akkuza ma tirrizultax pruvata sal-grad rikjest mill-ligi ghaliex il-parti lesa Emile Langer ma xehditx f'dawn il-proceduri. Il-Qorti izda jidrilha li l-fatt li l-imputat innifsu ikkonferma li kien ha l-baskett in kwistjoni u l-fatt li Lina Wagner identifikatu bhala l-persuna li kien ha z-zewg basktijiet ma jhallu ebda dubju li l-imputat effettivament seraq il-baskett propjeta' ta' Emile Langer. Huwa minnu li Emile Langer ma xehditx u ma kkonfermatx il-valur tal-kontenut tal-baskett izda permezz tat-tieni akkuza l-imputat qieghed jigi akkuzat b'serq semplici u ghalhekk il-Qorti jidrilha li l-Prosekuzzjoni gabet il-prova li tali serq sar mill-imputat.

Ikkunsidrat:

Illi l-Prosekuzzjoni ma prezentatx is-sentenzi li ghamlet riferenza ghalihom fit-tielet akkuza fejn l-imputat qed jigi akkuzat li huwa recidiv u li kiser il-kundizzjonijiet imposti fuqu minn dawn il-Qrati fejn inghata liberta kundizzjonata u l-Qorti sejra ghalhekk tiddikjarah mhux hati u tilliberah minn din l-akkuza.

Ghal finijiet ta' piena l-Qorti kkunsidrat li mill-fedina penali tal-imputat jirrizulta li din mhux l-ewwel darba li huwa kiser dufrejgh mal-gustizzja u ghalkemm jidher li huwa inghata l-opportunita' sabiex jaqbad it-triq it-tajba huwa naqas milli jaghmel dan u l-Qorti ghalhekk jidrilha li ghandha timponi piena karcerarja effettiva. Tenut kont tal-fatt li l-valur tal-oggetti misruqa kien jeccedi l-Lm100 bi ftit, u tenut kont tal-fatt li l-oggetti misruqa gew ritornati lil vittmi l-Qorti ser timponi piena karcerarja aktar vicin il-minimum.

Ghal dawn il-motivi u wara li rat l-Artikoli 261, 267, 279(a), 284, 285 u 17 tal-Kodici Kriminali, l-Qorti ssib lill-imputat hati tal-ewwel(1) u t-tieni(2) akkuza migjuba fil-konfronti tieghu u tikkundannah sitt (6) xhur prigunerija. Il-Qorti tiddikjara lill-imputat mhux hati tat-tielet(3) akkuza migjuba fil-konfronti tieghu u konsegwentement tilliberah mill-istess akkuza.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------